MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2006

Numru. 833/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur J Mercieca)**

**versus**

**John Bonnici**

Il-Qorti

1.Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra John Bonnici ta’ 40 sena iben Joseph u Dolores nee Quintano imwieled Slieam fil-11 ta’ Mejju 1963 u li joqgħod Flat 7, Lilfred, Triq il-Maqdes Megalitiku, San Pawl il-Baħar detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 297363 (M)

2. Akkużat talli fl-10 ta’ Lulju 2003 għall-ħabta tad-disgħa w kwart ta’ filgħodu fi Triq il-Maqdes Megalitiku, ix-Xemxija, Limiti ta’ San Pawl il-Baħar, volontarjament ħassar, għamel ħsara u / jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, cioe’ karozza Ford Ka, numru tar-reġistrazzjoni IBF 172

liema ħsara tiskorri l-elf lira Maltin (Lm1000) għad-dannu tal-koppja Paul u Karen konjuġi Azzopardi (art.325(a) tal-Kap 9).

3. Il-Qorti ntalbet ukoll li tipprovdi għas-sigurta’ tal-koppja Azzopardi bl-applikazzjoni tal-provvedimenti ta’ l-artikolu 383 tal-Kap 9.

4. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid, il-fedina penali, l-istqarrija ta’ l-imputat magħmula imputat lill-Pulizija, it-tweġiba tiegħu li ma kienx ħati ta’ l-akkużi, u l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-8 ta’ Lulju 2004, u l-kunsens ta’ l-imputat li din il-kawza tinstemgħa minn din il-Qorti kif preseduta.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Ikkonsidrat

5. Li l-fatti tal-każ kienu dawn li ġejjin. Fl-10 ta’ Lulju, 2003 is-Sur Paul Azzopardi kien mar 1-għassa tal-Qawra jirrapporta li l-karozza tiegħu Ford KA IBF 172 kellha s-saqaf kollu mgħattan. Il-ħsara kienet twettqet għall-ħabta tad-9.15 a.m. meta mart Paul Azzopardi rat lill-imputat b’baseball bat f’idu qed ikissrilhom il-karozza li kienet ipparkjata quddiem id-dar fi Triq il-Maqdes Megalitiku Xemxija. L_Ispettur Joseph Mercieca bagħat għall-imputat li fl-istqarrija kien qal dan li ġej.

**L-Istqarrija ta’ l-Imputat.**

6. L-imputat qal li fil-jum imsemmi kien nieżel bit-tfal għall-iskola u wieħed mill-klieb ta’ l-imputat kien tiela’ mat-tifla. Din saret isterika u kellu jerġa’ jtellagħha fuq fil-flett. L-imputat żied jgħid li ilu jissaporti dawn il-klieb għal dan l-aħħar sitt snin. Imbagħad mart l-imputat sabet ħsara fil-karozza ta’ l-imputat. Iż-żewġ side mirrors kienu mifqugħin u s-saqaf kien mifqugħ. L-imputat qal li l-ħsara fil-karozza IBF 172 tas-Sur Azzopardi kien għamilha l-imputat stess (fol.13). Huwa ammetta wkoll li kien tela’ fuq is-saqaf tal-karozza msemmija. Ta’ dan kien jiddispjaċih u kien lest li jħallas jekk ikun hemm ftehim

raġonevoli. L-imputat qal li l-azzjoni tiegħu kienet reazzjoni minħabba li huwa beża’ li l-klieb jigdmu lit-tfal u għaliex is-Sur Azzopardi ma kien jagħti każ ta ħadd u ta’ xejn.

7. PS Stephen Micallef ippreżenta r-rapport li kien sar mis-Sur Azzopardi (fol. 18) u minn martu Karen Azzopardi dwar il-ħsarat li sofriet il-karozza kif ukoll dwar min kien allegat li għamilhom. Huma kienu ppruvaw jilħqu lill-imputat iżda dan leħaq daħal fil-karozza Alfa Romeo 33 FBE 645.

8. PS 1096 Edmond Cuschieri li qal li l-imputat kien għamel rapport. L-imputat kien għamel diversi rapporti ma’ l-Awtoritajiet tas-Saħħa dwar il-klieb u mal-Pulizija. Flok ma tneħħew il-klieb, dawn żdiedu fin-numru. Huwa beda jgħajjat li ser jagħmel rapport biex jitneħħew il-klieb b’mod jisimgħu Azzopardi. X’ħin qal dawn il-kliem irrealizza li Azzopardi kien ser jagħmillu xi vendikazzjoni. Malli qam fl-10 ta’ Lulju 2003 induna li s-saqaf tal-karozza Alfa Romeo FBE 694 bil-ħsara. Huwa kien tilef rasu u għamel lil Azzopardi bħalma kien għamel lilu. Huwa ma kienx ra lil Azzopardi jagħmel lilu l-ħsara.

9. Brian Farrugia għan-nom tad-Direttur tat-Traffiku kkonferma li l-vettura IBF 172 hija proprjeta’ ta’ Karen Azzopardi (ID 450272). Hija hekk reġistrata mis-16 t’Ottubru 2000.

10. Charles sive Carmelo Mifsud kien ra l-karozza IBF 172 u qal li kienet saret stima dwar il-ħsara li kienet tammonta għal Lm1190 (elf mija u disgħin lira) (Dok. MC a fol 31). Dan xehed għal dabr’ oħra fit-8 ta’ Ġunju 2005 u qal li l-kont kien tah lill-Avukat tiegħu u kkonferma li dan kien jammonta għall-Lm1190. Huwa kien irranġa l-karozza u ma kienx tħallas. Hemm biss biss Lm600 parts.

11. L-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli fit-8 ta’ Lulju 2004. Huwa qal li kien jidhirlu li tista’ tinstab ħtija taħt l-artikolu 325 tal-Kap 9.

12. PC 1253 Frederick Brincat ħa seba’ ritratti tal-ħsarat lill-vettura liema ritratti kienu ppreżentati fis-seduta tat-8 ta’ Ġunju 2005.

13. Paul Azzopardi xehed li martu kienet rat lill-imputat jagħmel il-ħsara lill-karozza tiegħu. Huwa kien ra lill-imputat nieżel minn fuq is-saqaf tal-karozza gaħl fuq il-mudguard. Ix-xhud qal li lanqas kien jaf x’pika kien hemm bejnu u bejn l-imputat. Huwa kien għadu ma ħallasx l-Lm1200 għax kien ftiehem mal-‘Gass’ (laqam ta’ persuna li toqgħod ix-Xemxija) li meta l-imputat iħallas lix-xhud, ix-xhud imbagħad iħallas lilu (lill-Gass). Illum il-karozza aktarx inbiegħet minn mart ix-xhud. Ix-xhud iżda ma kienx f’pożizzjoni jgħid x’kienet daħħlet tagħha.

14. Mistoqsi mill-avukat difensur jekk kienx jaf li kien hemm kawża kontra x-xhud quddiem Maġistrat ieħor minħabba l-klieb, ix-xhud qal li lanqas biss kien jaf biha. Huwa nnega li l-imputat kien kellmu fuq il-klieb. L-imputat kien kellmu fuq ħamiema. Ix-xhud qal li ulied l-imputat kienu jinżlu biex jilagħbu ma’ ulied ix-xhud. L-imputat qal li fil-flett kellu tlitt iklieb iżda wieħed kien tiegħu għax l-oħrajn kienu stray. Ix-xhud qal li l-karozza nxtrat matul iż-żwieġ.

15. Il-Prosekuzzjoni ssottomettiet li kienet ippruvat l-imputazzjoni minħabba l-istqarrija ta’ l-imputat waqt li sid il-karozza kien rah ikissirha.

16. Id-Difiża qalet li d-danni illum huma xejn u li qatt ma ssemma li l-istima saret f’isem Karen Azzopardi Karen Azzopardi qatt ma ttellgħet tixhed. Id-difiża staqsiet: min sofra d-danni? It-tellar ma kienx tħallas u għalhekk l-akkuża ma kenitx ippruvata.

**Ikkunsidrat**

**Punt ta’ dritt**

17. Li l-artikoli 325 tal-Kap 9 jgħid hekk:

***‘’Kull min, b’mezzi xort’oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta’ qabel dan is-sub-titolu, volontarjment iħassar, jagħmel ħsara, jew jgħarraq ħwejjeġ ħadd ieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jisntab ħati –***

***(a) jekk l-ammont tal-ħsara jkun iżjed minn ħames mitt lira, il-piena ta’ priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba’ snin;’***

***omissis***

***Iżda meta d-delitt ikun skużabbli minħabba provokazzjoni inġusta, il-ħati jeħel, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ), il-piena ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed min żewġ terzi tal-piena tal-piena hemm imsemmija;’***

18. Minn kliem dan l-artikolu, l-elementi ta’ dan ir-reat huma:

(a) Li jkun hemm ħsara fil-propjeta’;
(b) Li din il-ħsara tkun teċċedi ħames mitt lira Maltija għall-finijiet tal-par.(a);
(ċ) Li l-ħsara ssir volontarjament;
(d) Li l-ħsara ssir fi ħwejjeġ ħadd ieħor;

18. Mix-xhieda u mill-provi (inklużi r-ritratti meħud mill-Pulizija) jirriżulta li saret ħsara fil-karozza IBF 172.

19. Il-ħsara li saret tleħħaq bejn Lm1190 u l-Lm1200 (ara l-istima, f’isem Karen Azzopardi, kif ukoll ix-xhieda ta’ Charles Mifsud).

20. Il-ħsara saret volontarjament mill-imputat għaliex hemm l-istqarrija tiegħu stess li ghamel il-hsara b’reazzjoni għal dak li kien sofra fil-propjeta’ tiegħu stess. Hemm ukoll ix-xhieda ta’ Paul Azzopardi li ra lill-imputat jaqbeż minn fuq is-saqaf tal-karrozza. (Karen Azzopardi qatt ma ġiet prodotta bħala xhud u dak li qal ir-raġel tagħha dwar x’qaltlu hi huwa hearsay u l-Qorti qed tiskartah).

21. Il-ħsara saret fi ħwejjeġ ħadd ieħor għaliex il-karozza kient tappartjeni lill-konjuġi Azzopardi ukoll jekk illum il-karozza jidher li għaddiet f'idejn martu Karen Azzopardi. Il-karozza kienet inxtrat wara li l-konjuġi Azzopardi kien żżewġu. Skond l-artikolu 1322 tal-Kap 16 :

***‘1322. Dak kollu li r-raġel u l-mara, jew il-wieħed jew l-oħra jippossjedu, jekk ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, hu preżunt li jidħol fl-akkwisti.’***

22. Meta wieħed jikkonsidra l-fatti, il-Qorti ma tistax taċċetta l-argument tad-difiża li għaliex Paul Azzopardi għadu ma ħallasx jew għaliex il-karozza għaddiet għand il-mara tiegħu, allura danni ma kienx hemm jew li l-prova taghhom ma sartix. Barra dan, id-difiża stqaqsiet ‘Min sofra d-danni?’. Ir-risposta hija l-konjuġi Azzopardi. Id-difiża qalet ukoll li fl-istima ma jidhirx isem Karen Azzopardi. Dan mhux eżatt għax fl-istima jidher propju dan. Fl-aħħarnett id-difiża qalet li d-dannu ma kienx ippruvat. Fil-fehma tal-Qorti jirriżulta ampjament li l-ħsara saret. Ir-ritratti, l-istima tal-hsarat, u l-istqarrija ta' l-imputat stess huma provi bizzejjed. Il-fatt li ma telgħetx tixhed mart l-imputat ma jfissirx li r-reat ma kienx ippruvat.

**Il-Provokazzjoni**

23. Wara li għarblet il-fatti, il-Qorti hija soddisfatta li l-imputat kellu biża' ġenwin dwar x'setgħu jagħmlu l-klieb lil uliedu. Din il-Qorti ma tistax taċċetta partijiet mix-xhieda ta' Paul Azzopardi li qal li ma kienx jaf li teżisti pika dwar il-klieb.

24. Min-naħa l-oħra l-imputat kien waħħel f'Paul Azzopardi għall-ħsara li sab fil-karozza tiegħu, għalkemm ma jidhirx li għal dan kellu xi prova konkreta għajr is-suspett.

25. Għalhekk il-provokazzjoni hija limitata għall-biża' tal-ħsara li setgħu jagħmlu l-klieb lit-tfal.

26. Il-Qorti hija soddisfatta li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat u l-ksur ta’ l-artikolu 325 (1)(a), biss bil-proviso hemm kkontemplat.

27. Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 325(1)(a) u l-proviso miegħu issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontrih izda stante l-fedina penali kwazi nadifa ta’ l-imputat u c-cirkostanzi tal-kaz, flok tikkundannha qed tpoggih that id-direzzjoni ta’ Probation Officer ghal tliet (3) snin u qed tikkundannh ihallas id-danni civili li jammontaw ghal Lm1190 (elf mija u disghin lira Maltija) [1] ai termini ta’ l-artikolu 24(1) tal-Kap 446. Il-Qorti (a) spjegat lill-imputat xi jfisser l-artikolu 7 tal-Kap 446 u (b) li d-danni li nghataw jistghu jkunu nforzati fil-Qorti bhal f’azzjoni civili. (24(1) tal-Kap 446).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara Stima a fol. 31.